

Brussell, 27 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7684/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0233 (NLE)**

**JUSTCIV 46
CONSUM 100
MARE 6
COMER 49
RELEX 425**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti") - Adozzjoni

1. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti"). Il-Kummissjoni mbagħad ippreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' din il-Konvenzjoni, li ġiet adottata fil-21 ta' Diċembru 2023¹.
2. L-Unjoni Ewropea ffirmat il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri" fl-14 ta' Marzu 2024.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/414 tal-21 ta' Diċembru 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022, ĠU L, 2024/414, 29.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/414/oj>

3. Fl-24 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, akkumpanjata minn Dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, fil-mument tal-konklużjoni.
4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili fis-17 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru u ġiet approvata, kif modifikata, biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.
5. It-test tal-Konvenzjoni huwa disponibbli bil-lingwi kollha bħala d-dokument 15716/23 INIT + REV 1.
6. Fis-27 ta' Novembru 2025, il-Kunsill ikkonferma li kien hemm qbil fil-prinċipju dwar it-test tad-Deċiżjoni proposta u ddeċieda li jibgħat lill-Parlament Ewropew l-abbozz tad-test tad-Deċiżjoni sabiex jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
7. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fis-26 ta' Marzu 2026.
8. Fid-dawl ta' dan, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti (14882/25), u
 - japprova t-test tad-dikjarazzjoni rilevanti tal-kompetenzi li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea meta tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea (14882/25 ADD 1).